Ċirkulari Numru 1/2025
Skedi tal-Pagamenti u Quarterly Financial Reports

Lil: Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

Mingħand: Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Data: 17 ta' Frar, 2025

1. Skedi tal-pagamenti

1.1 B'referenza għaċ-ċirkolari 6 / 2022 maħruġa fid-19 ta' Mejju, 2022 u l-laqgħat li saru mas-Segretarji Eżekuttivi nhar l-11 u t-12 ta' Frar, 2025 dan id-Direttorat għamel tibdil fit-template tal-iskeda tal-pagamenti li qiegħda tiġi mehmuża ma' din iċ-ċirkulari. Din it-template għandha tibda tintuża kemm biex tittella' fuq il-website kif ukoll biex tintbgħat lil dan id-Direttorat f'format Excel. Dan ifisser li s-Segretarju Eżekuttiv mhux meħtieġ jimla żewġ mudelli ta' Skeda tal-Pagament bħalma kien rikjest sa issa.

1.2 Din it-template ghandħa tibda tintuża ghal kull skeda tal-pagamenti maħruga mid-data li fiha qed tintbghat din ic-cirkulari 'l quddiem.

2. Quarterly financial reports

2.1 Is-Segretarji Eżekuttivi huma obbligati li jimxu mar-regolamenti tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' Quarterly Financial Reports u għandhom jiżguraw li dawn ir-rapporti jiġu sottomessi fil-ħin u jkunu kompluti fuq it-template aġġornata mehmuża.

Qed isir emfasi partikolari fuq it-taqsima 'Total Commitments – Recurrent & Capital' ta' dawn ir-rapporti. Huwa importanti li timtela' l-verżjoni l-ġdida, aktar dettaljata ta' din it-taqsima, peress li hija taqsima importanti li għandha tigwida lill-Kunsill fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Wieħed għandu d-dover li jaċċerta l-importanza li d-deċiżjonijiet jittieħdu fuq bazi ta' data finanzjarja korretta u aġġornata.

3. Azzjoni meħtiega

3.1 Is-Segretarji Eżekuttivi għandhom jaderixxu ma' din iċ-ċirkulari minnufih u jibgħatu l-informazzjoni meħtieġa fuq l- email: compliance.dlg@gov.mt

4. Performance Benchmarks

4.1 Ghas-sena 2025 il-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' tmiem is-sena tas-Segretarju Eżekuttiv fuq Immaniġġjar Finanzjarju ser ikun ibbażata fuq is-sottomissjoni f'waqtha u kompluta tal-Quarterly Financial Statements u s-sottomissjoni f'waqtha ta' rapporti finanzjarji awditjati.

4.2 Dan id-Direttorat ser iżomm database ta' dawk il-Kunsilli Lokali li ma jżommux mad-dati ta' skadenza stabbiliti u ta' dawk il-kunsilli li għandhom quarterly financial reports mhux sottomessi fil-ħin jew mhux kompluti

IFFIRMATA

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MHAL
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
President, AKL
President, ANSEK